BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA
STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 03/2010**

**Ġunju 2010**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ l-istqarrija tiegħu dwar l-istatistika monetarja ta' kull xahar għal Ġunju 2010.

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'1.4% xahar fuq xahar, jew b'EUR125.1 miljun, f'Ġunju, biex b'hekk treġġa' lura t-tnaqqis ta' 0.6% li kien hemm ix-xahar ta' qabel. Din il-kontribuzzjoni laħqet EUR8.9 biljuni fl-aħħar ta' Ġunju. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali tat-tkabbir tagħha rrankat għal 3.1% minn 1.7% f'Mejju.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) kiber b'EUR205.4 miljuni, jew 4.4%, matul ix-xahar kopert, l-iktar minħabba żieda fid-depożiti *overnight* ta' 5.1%. Id-depożiti *overnight* ta' residenti Maltin kibru b'4.9%, l-aktar minħabba li żdiedu sew il-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Żieda fid-depożiti miżmuma minn individwi u kumpaniji tal-assikurazzjoni kkontribwiet ukoll għalkemm fuq livell aktar baxx. Sadanittant, depożiti ta' residenti ta' pajjiżi oħra barra ż-żona tal-euro żdiedu b'madwar 22%, filwaqt li l-ammont ta' flus maħruġa kiber bi ftit. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 kompliet taċċellera għal 19.5% f'Ġunju minn 16.9% f'Mejju.

Wara tnaqqis reġistrat f'Mejju, il-komponent monetarju intermedju (M2) kiber b'1.3% jew EUR115 miljun, f'Ġunju. Dan kien kollu dovut għaż-żieda fl-M1 li aktar minn pattiet għat-tnaqqis fid-depożiti marbuta għal sentejn jew anqas. Dawn tal-aħħar komplew bix-xejra tagħhom 'l isfel li bdiet mill-bidu tas-sena, biex naqsu bi 2.3% jew EUR91.3 miljun. Dan it-tnaqqis kien dovut prinċipalment għal tnaqqis ta' 2.1% fid-depożiti ta' residenti Maltin, minħabba waqgħa fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. Bil-maqlub, depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas żdiedu bi ftit.

Kollox ma' kollox, id-depożiti ta' residenti Maltin kibru b'EUR110.6 miljuni f'Ġunju. Iż-żieda fid-depożiti *overnight* pattiet għat-tnaqqis li kien hemm fid-depożiti marbuta għal sentejn jew anqas. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti tar-residenti telgħet għal 3.4% minn 2.1% f'Mejju.

Is-self lil residenti Maltin ċkien b'EUR8.8 miljuni, jew 0.1% matul Ġunju. Tnaqqis fil-bilanċi ta' stokks tal-Gvern miżmuma mill-IFM pattiet għaż-żieda li kellhom fl-ammonti ta' *bills* tat-Teżor u għalhekk din ikkontribwiet għal tnaqqis ta' EUR22.8 miljun fis-self lill-gvern. Mill-banda l-oħra, is-self lil residenti barra s-settur tal-gvern ġenerali żdied b'EUR14.0 miljun, hekk kif żdied sew is-self lil intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek kif ukoll lill-individwi. B'kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tas-self lil residenti Maltin battiet għal 8.2% f'Ġunju minn 9.7% xahar qabel.

Sadanittant, is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro ċkien b'EUR78.1 miljun, hekk kif naqas is-self mill-banek lill-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. B'riżultat ta' dan, matul ix-xahar kopert, is-self lir-residenti kollha taż-żona tal-euro ċkien b'EUR86.9 miljun, jew 0.6%.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM residenti f'Malta u dawk residenti f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet bi EUR1.1 biljun, jew 14.3% f'Ġunju. Dan ġara minħabba li l-obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro naqsu sew. B'mod partikolari, naqsu d-depożiti fissi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u s-self barrani meħud minn banek residenti. Għalkemm b'ammont ferm iżgħar, naqsu wkoll l-obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro lejn l-IFM minħabba tnaqqis fit-titoli maħruġa minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro miżmuma minnhom kif ukoll minħabba tnaqqis fis-self mogħti lil residenti barra ż-żona tal-euro.

Il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 żdiedu b'EUR891.6 miljun, jew 6.7%, matul ix-xahar kopert. Dan ġara l-aktar minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien twil fil-forma ta' kapital, minħabba li ġie illiċenzjat bank ġdid. Kien hemm żieda qawwija wkoll fit-transazzjonijiet li saru bejn il-banek fiż-żona tal-euro u li huma inklużi taħt 'obbligazzjonijiet oħra (netti)'.

Ir-rata tal-imgħax medja ppeżata, kif applikata minn banek residenti fuq depożiti tal-klijenti naqset bi ftit għal 1.37% minn 1.39% f'Mejju, filwqt li dik applikabbli għal self, kibret bi 23 punti bażi għal 4.69%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta*** **www.centralbankmalta.org**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM [1]

*€ miljuni*

| | | Gun-10 | Mej-10 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Gun-09 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI** [2] | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,889.2** | **4,683.9** | **205.4** | **4.4** | **4,092.7** | **796.5** | **19.5** |
| Flus maħruġa [3] | 1.1 | 654.5 | 653.4 | 1.1 | 0.2 | 614.5 | 40.0 | 6.5 |
| Depożiti *overnight* [4] | 1.2 | 4,234.7 | 4,030.5 | 204.3 | 5.1 | 3,478.2 | 756.5 | 21.8 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 4,127.9 | 3,934.1 | 193.9 | 4.9 | 3,391.1 | 736.9 | 21.7 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,946.9** | **8,831.9** | **115.0** | **1.3** | **8,708.8** | **238.2** | **2.7** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,889.2 | 4,683.9 | 205.4 | 4.4 | 4,092.7 | 796.5 | 19.5 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas [4] | 2.2 | 111.9 | 110.9 | 1.0 | 0.9 | 110.5 | 1.4 | 1.3 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 111.9 | 110.8 | 1.0 | 0.9 | 110.5 | 1.4 | 1.2 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas [4] | 2.3 | 3,945.8 | 4,037.2 | -91.3 | -2.3 | 4,505.5 | -559.7 | -12.4 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 3,845.9 | 3,930.2 | -84.3 | -2.1 | 4,321.9 | -476.0 | -11.0 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **3** | **8,867.3** | **8,742.2** | **125.1** | **1.4** | **8,604.4** | **262.9** | **3.1** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,946.9 | 8,831.9 | 115.0 | 1.3 | 8,708.8 | 238.2 | 2.7 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nħarġu għal sentejn jew anqas [5] | 3.3 | -79.7 | -89.7 | 10.1 | -11.2 | -104.4 | 24.7 | -23.7 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **14,148.7** | **14,235.6** | **-86.9** | **-0.6** | **12,218.7** | **1,930.1** | **15.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4.1 | 3,674.9 | 3,708.6 | -33.7 | -0.9 | 2,503.3 | 1,171.6 | 46.8 |
| li minnu: self lil gvern ġenerali Malti | 4.1.1 | 2,106.1 | 2,128.9 | -22.8 | -1.1 | 1,855.9 | 250.2 | 13.5 |
| Self lil setturi oħra | 4.2 | 10,473.8 | 10,527.0 | -53.2 | -0.5 | 9,715.4 | 758.4 | 7.8 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,951.6 | 7,937.6 | 14.0 | 0.2 | 7,448.6 | 503.0 | 6.8 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **8,838.8** | **7,735.2** | **1,103.6** | **14.3** | **6,751.3** | **2,087.5** | **30.9** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 30,482.2 | 30,575.9 | -93.6 | -0.3 | 25,252.0 | 5,230.3 | 20.7 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 21,643.4 | 22,840.7 | -1,197.3 | -5.2 | 18,500.6 | 3,142.8 | 17.0 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA** | **6** | **14,120.3** | **13,228.6** | **891.6** | **6.7** | **10,365.7** | **3,754.6** | **36.2** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 6.1 | 597.3 | 699.0 | -101.7 | -14.5 | 608.3 | -11.0 | -1.8 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 11,031.9 | 10,323.6 | 708.3 | 6.9 | 4,851.1 | 6,180.9 | 127.4 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 6.3 | 2,491.0 | 2,206.0 | 285.0 | 12.9 | 4,906.2 | -2,415.3 | -49.2 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin g ħat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-aħħar data għandha titqies bħala provviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla perċentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.